# Il-partijiet tal-quddiesa
## għat-tfal

ARCHDIOCESE OF MALTA




### Rit tal-bidu

Niltaqgħu fil-knisja bħala l-familja ta’ Alla, biex niltaqgħu ma’ Ġesù u niftakru kemm Alla jħobbna. Fil-bidu tal-quddiesa, **inqumu bil-wieqfa u nkantaw flimkien.**



**Irroddu s-salib.**
Niftakru li aħna lkoll il-familja ta’ Alla, li tgħammidna fl-isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.
Is-saċerdot jilqagħna u jgħid:
**Il-Mulej magħkom**, inwieġbu,
U miegħek ukoll.

Nitolbu maħfra



**Mulej ħniena.**
**Mulej ħniena.**
**Kristu ħniena.**
**Kristu ħniena.**
**Mulej ħniena.**
**Mulej ħniena.**




Inkantaw jew ngħidu l-Glorja biex infaħħru lil Alla.

**Glorja ’l Alla fil-għoli tas-smewwiet, u paċi fl-art lill-bnedmin ta’ rieda tajba. Infaħħruk, inberkuk, nadurawk, nagħtuk ġieħ, irroddulek ħajr għall-glorja kbira tiegħek...**



### Il-Liturġija tal-Kelma

Alla jkellimna permezz tal-qari.

Noqgħodu bilqegħda u NISIMGĦU l-qari mill-Bibbja.






**L-Ewwel Qari** normalment ikun mit-Testment il-Qadim; **is-Salm Responsorjali** wkoll ikun mit-Testment il-Qadim. **It-Tieni Qari** jkun mit-Testment il-Ġdid.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Irroddu ħajr lil Alla.**




Inqumu bil-wieqfa u nkantaw **l-Hallelujah.** Matul ir-Randan, inkantaw **Glorja u tifħir lilek Kristu.**

**Il-Mulej magħkom.**
**U miegħek ukoll**
Nagħmlu sinjal tas-salib fuq moħħna, fuq fommna u fuq qalbna.

**Il-Kelma tal-Mulej.**
**Tifħir lilek Kristu.**




Wara li nisimgħu il-Kelma ta’ Alla, is-saċerdot, permezz tal-omelija, jgħinna biex nifhmu dak li smajna u kif nistgħu ngħixuh.





**Il-Kredu**
Din it-talba tiġbor fiha dak li nemmnu bħala nsara.

**Jiena nemmen f’Alla wieħed, il-Missier li jista’ kollox...Ġesù Kristu, Iben waħdieni ta’ Alla... l-Ispirtu s-Santu...Knisja waħda, qaddisa, kattolika, appostolika...**




Nitolbu għal kulħadd: għall-Papa, l-Isqfijiet u saċerdoti, għan-nies li jħobbuna, jgħallmuna u jieħdu ħsiebna, għat-tfal, għall-morda u fqar, għall-mejtin tagħna.

**Ismagħna nitolbuk Mulej.**



# Il-Liturġija Ewkaristika



Noffru l-ħobż u l-inbid li ser jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù. Noffru wkoll il-flus u dawn jintużaw għall-fqar u għall-bżonnijiet tal-parroċċa. Permezz tat-talb, noffru lilna nfusna, biex Alla jgħinna nsiru aħjar.

Inkantaw l-innu tal-offertorju flimkien.



**Imbierek int Mulej, Alla tal-ħolqien kollu, għax fi tjubitek tajtna l-ħobż/l-inbid li qegħdin noffrulek, frott tal-art/tad-dielja u xogħol il-bniedem, li minnu jsir għalina l-ħobż tal-ħajja/x-xorb tar-ruħ.**

**Imbierek Alla għal dejjem.**





Flimkien mal-anġli u l-qaddisin, infaħħru lil Alla u ngħidu,

**Qaddis, qaddis, qaddis Mulej, Alla tal-eżerċti. Is-smewwiet u l-art mimlija bil-glorja tiegħek. Hosanna fl-għoli tas-smewwiet. Imbierek min ġej f'isem il-Mulej. Hosanna fl-għoli tas-smewwiet.**





## Il-Konsagrazzjoni

Waqt l-aħħar ikla, Ġesù bidel il-ħobż u l-inbid, fil-Ġisem u d-Demm tiegħu.

**Dan hu misteru tal-fidi.**

**Inħabbru l-mewt tiegħek Mulej, inxandru bil-ferħ il-qawmien tiegħek, nistennewk sa ma tiġi fil-glorja.**





## Il-Missierna

**Missierna, li inti fis-smewwiet jitqaddes ismek, tiġi saltnatek, ikun li trid int, kif fis-sema hekk ukoll fl-art.**

**Ħobżna ta' kuljum agħtina llum. Aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina, u la ddaħħalniex fit-tiġrib iżda eħlisna mid-deni.**



Qabel ma nitqarbnu important li nkunu ħbieb ma' xulxin.

**Il-paċi tal-Mulej tkun dejjem magħkom.**

**U miegħek ukoll.**



Waqt il-qsim tal-ħobż, nitolbu,

**Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, ħenn għalina. x2**

**Ħaruf t'Alla, li tneħħi d-dnubiet tad-dinja, agħtina l-paċi.**

Nersqu għat-tqarbin fis-skiet u ġabra.

**Il-Ġisem ta' Kristu.**

**Ammen.**



Wara li nitqarbnu, immorru lura f'postna u nitkellmu ma' Ġesù, ngħidulu li nħobbuh u nirringrazzjawh ta' dak kollu li jagħmel magħna.

# Ir-Rit tal-Għeluq





**Iberikkom Alla li jista' kollox, il-Missier, u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.** (aħna nroddu s-salib)

**Ammen.**

**Morru fil-paċi ta' Kristu.**

**Irroddu ħajr lil Alla.**



Wara din il-laqgħa speċjali ma' Ġesù, noħorġu mill-knisja biex nagħmlu dak li jixtieqna Ġesù.

**Il-Ġimgħa t-tajba, nerġgħu niltaqgħu l-Ħadd li ġej**

